# RIŻORSA 4



*Sors: Latvians Abroad – Mużew u Ċentru ta' Riċerka*

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija eluf ta' persuni ġew alloġġati f'kampijiet apposta għall-persuni spustati. Dan il-pupu kien ta' tifla żgħira mil-Latvja li għaddiet minn ħafna minn dawn il-kampijiet sakemm eventwalment waslet fl-Istati Uniti. Kienet waħda mill-460 000 persuna li ġew aċċettati fil-pajjiż. Il-pupu tagħha kien tifkira minn tfulitha ta' żminijiet aktar hienja qabel il-gwerra.



*Sors: © Public domain*

Għal min kien jgħix fl-Ewropa tal-Lvant matul il-perjodu ta' kontroll Sovjetiku, kien ipprojbit, jew diffiċli ħafna, li jivvjaġġa lejn il-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent. Madankollu, it-tama li jsibu ħajja aħjar fil-Punent xprunat lil ħafna nies biex jipperikolaw ħajjithom fit-tentattiv li jmorru. Din il-libsa tal-għaddas intużat minn raġel biex jgħum sal-libertà fil-Ġermanja tal-Punent, meta ħarab mill-Ġermanja tal-Lvant komunista fis-snin sittin.



*Sors: Artist: © Lihidheb Mohsen / Photo: © European Union, 2016*

F'dan ir-ritratt nistgħu naraw żarbuna ta' tarbija ġo flixkun. Iż-żarbuna nġabret fejn il-baħar fit-Tuneżija mill-artist Lihidheb Mohsen fl-2014. Imbagħad l-artist qiegħed iż-żarbuna fil-flixkun. Ta' spiss jiġri li min ikun se jagħmel vjaġġ perikoluż bil-baħar mill-Afrika ta' Fuq lejn in-Nofsinhar tal-Ewropa jqiegħed l-oġġetti personali u prezzjużi tiegħu fi fliexken biex iħarishom mill-ilma baħar.